**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 482/2017 MS*

**Vella Brothers (Tal-Bidnija) Limited**

**Vs.**

**Arthur Cilia**

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fid-29 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu, wara li ppremettiet hekk:

Illi l-kumpannija esponenti toffri servizzi fl-industrija tal-kostruzzjoni;

Illi l-kumpannija esponenti ġiet ingaġġata mill-intimat sabiex teżegwixxi xogħolijiet ta' kostruzzjoni fuq il-fond li jġib l-isem "Ir-Razzett ta' Tina" li jinsab f' Salib tal-Għolja, Taż-Żiri, limiti tas-Siġġiewi;

Illi dawn ix-xogħolijiet kienu jikkonsistu primarjament, iżda mhux limitatament, f' alterazzjonijiet fis-sular t' isfel ta' dan il-fond, kostruzzjoni fl-ewwel sular, kostruzzjoni ta' *swimming pool* kif ukoll xogħol ieħor li jissejjaħ 'bil-ġurnata';

Illi l-intimat naqas milli jħallas l-ammont kollu dovut lill-kumpannija esponenti tax-xogħolijiet li hija għamlet fuq struzzjonijiet tiegħu, liema ammont dovut jammonta għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u tmien mija u erbgħa u sittin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€27,864.11);

Illi l-kumpannija esponenti interpellat lill-intimat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Frar, 2017 u li ġġib in-numru ta' referenza 528/2017, liema ittra ġiet debitatament notifikata lill-intimat, li baqa'inadempjenti;

Illi dan il-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimat u l-intimat m' għandux eċċezzjonijiet x' jagħti f' dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija esponenti;

Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 *et sequitor* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

l-istess attriċi għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Taqta' u tiddeċiedi din l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf u tmien mija u erbgħa u sittin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€27,864.11); u

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-kumpannija esponenti l-ammont kompressiv ta' sebgħa u għoxrin elf u tmien mija u erbgħa u sittin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€27,864.11);

   Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Frar, 2017 u li ġġib in-numru ta' referenza 528/2017, u bl-imgħax legali bl-ogħla rata permessa mil-liġi mid-9 ta' Frar, 2017 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut fit-18 t'Awwissu 2017[1], li permezz tagħha huwa eċċepixxa dan li ġej:

> Illi l-esponenti kien ingaġġa lill-Kumpanija rikorrenti biex teżegwixxi għandu, u speċifikament fil-fond tiegħu 'Ir-Razzett ta' Tina', li jinsab f' Tas-Salib tal-Għolja, limiti tas-Siggiewi, xogħol ta' kostruzzjoni fil- pjan terran kif ukoll fl-ewwel sular, inkluża bini ta' 'swimming pool' u xogħol ieħor.
>
> Illi l-esponenti matul l-esekuzzjoni ta' dan ix-xogħol għamel diversi pagamenti akkont sas-somma ta' mija u disa' u sittin elf, disa' mija u għaxar ewro u erba' u disgħin centeżmu (€ 169,910.94).
>
> Illi r-rikorrenti qed jagħmel talba għall-ħlas ulterjuri tas-somma ta' seba' u għoxrin elf, tmin mija u erba' u sittin ewro u ħdax il-ċenteżmu (€ 27,864.11) li l-esponenti intimat qed jasserixxi li ma humiex lilu dovuti u dana minħabba l-eċċezzjonijiet segwenti:-
>
> 1) Illi preliminarjament li t-talba hija ntempestiva peress li r-rikorrenti ma tterminax l-appalt kollu li kien taħ l-esponenti, u abbanduna l-lant tax- xoghol meta ma kienx lest kollox, (Art. 18).
>
> 2) Illi fil-mertu jingħad li r-rikorrenti ma hadimx ix-xogħol lilu mogħti skond is-sena u l-arti u fil-fatt halla ħafna difetti jidhru.
>
> 3) Illi r-rikorrenti naqas li jonara l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tal- appalt meta ma mexiex skont l-artiklu 21 u

[1] Fol.45.

ma harigx il-kont finali minn id il-Perit inkarigat, qabbad terzi persuni mhux approvati mil-appaltatur (artiklu 7) u ma segwiex l-artiklu 14 f'xogħol u varjazjonijiet fl-eżekuzzjoni tal- Appalt (artiklu 14).

4) Illi l-kont ippreżentat mir-rikorrenti huwa inkorrett u eċċessiv, kwantu hemm fejn juża prezzijiet aktar milli miftehma u hemm fejn jintalab hlas għal aktar minn darba tal-istess ħaġa, barra li jitlob għal ħlas ta' xoghol mhux eżegwit minnu.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat li kontestwalment mar-risposta ġuramentata tiegħu, il-konvenut ressaq ukoll rikonvenzjoni li permezz tagħha, wara li ppremetta dan li ġej:

Illi l-esponenti kien ingaġġa lill-Kumpanija rikorrenti biex teżegwixxi għandu, u speċifikament fil-fond tiegħu 'Ir-Razzett ta' Tina', li jinsab fi Trejqet is-Salib tal-Għolja, limiti tas-Siggiewi, xogħol ta' kostruzzjoni fil-pjan terran kif ukoll fl-ewwel sular, inkluża bini ta' 'swimming pool' u xogħol ieħor.

Illi d-ditta rikorrenti Vella Bros. (Tal-Bidnija) ltd. ma tterminatx l-appalt lilha mogħti mil-esponenti u abbandunat il-lant tax-xogħol biex ħalla xogħol mhux eżegwit u xogħol maħdum ħażin a dannu tal-esponenti.

Illi l-esponenti sadattant u matul l-esekuzzjoni ta' dan ix-xogħol għamel diversi pagamenti akkont sas-somma ta' mija u disa' u sittin elf, disa' mija u għaxar ewro u erba' u disgħin ċenteżmu (€ 169,910.94).

Illi l-esponenti jsostni li l-akkonti li ħallas, kif indikat, kien aktar minn dak hekk minnu dovut b'mod li huwa għandu jirċievi rifużjoni tal-eċċess li ħallas.

talab lil din il-Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara li l-intimata ditta Vella Bros. (Tal-Bidnija) Ltd. ikkawżat danni lill-esponenti fl-eżekuzzjoni tal-appalt imsemmi; 2) tillikwida dawn d-danni sofferti mil-

> esponenti; u 3) tikkundanna lill-intimata ditta tħallas tali danni; 4) tiddikjara li l-esponenti għamel ħlas eċċessiv għall-eżekuzzjoni tal-appalt mogħti safejn ġie eżegwit; u 5) tikkundanna lid-ditta intimata tħallas lill-esponenti tali eċċess.

4. Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi għar-rikonvenzjoni tal-konvenut li ġiet preżentata fis-27 ta' Settembru 2017[2], li biha ġie eċċepit hekk:

> 1. Illi preliminarjament, jiġi rilevat illi l-kontro-talba, b'mod partikolari id-dikjarazzjonijiet hekk magħmula mill-konvenut rikonvenzjonanti fl-istess rikors, hija vaga għall-aħħar u ma tfissirx ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża u dan kif inhu meħtieġ a tenur ta' l-artikoli 156(1)(a) u (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk is-soċjeta' esponenti f'dan l-istadju sejra tirrispondi kif tista', b'dan illi s-soċjeta' esponenti tirriserva illi teċċepixxi ulterjorment f'każ li l-pretensjoni kontenuta fil-kontro-talba tiġi ċċarata;
>
> 2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti huma intempestivi stante illi s-soċjeta' esponenti qatt ma giet interpellata dwar xogħol li ma sarx skond is-sengħa u l-arti u li tħallsu ammonti mhux dovuti da parte ta' Arthur Cilia u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;
>
> 3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jirrespingi l- allegazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu bħala nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u għalhekk it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant għandhom jigu miċħuda;
>
> 4. Illi data ma non concesso u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk huwa minnu illi Arthur Cilia inkorra xi spejjeż u/jew danni ulterjuri dawn gew inkorsi esklussivament u limitatament minħabba ħtijiet attribwiti lill-konvenut rikonvenzjonant stess;
>
> 5. Dili l-ammonti li s'issa tħallsu mill-konvenut rikonvenzjonant kienu kollha dovuti lis-soċjeta' esponenti u għalhekk Arthur Cilia m'huwa dovut ebda

[2] Fol.61.

rifużjoni ta' ebda ammont li huwa ga ħallas lis-soċjeta' esponenti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jingħataw waqt il-prosegwiment tal- kawża.

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-prolazzjoni tas-sentenza għall-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni mressqa mill-attriċi kontra l-konvenut sabiex tiġi kanonizzata kreditriċi tiegħu f'ammont li hi tgħid li jirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz u tal-ispejjeż ta' xogħol t'appalt li hija wettqet fuq inkarigu tal-konvenut fi proprjetà fis-Siġġiewi. Il-konvenut jgħid li huwa m'għandux iħallas lill-attriċi, għaliex din kienet inadempjenti fil-mod kif wettqet l-appalt tant li kkaġunatlu danni. Jgħid ukoll li huwa ħallas lill-attriċi aktar minn kemm jistħoqqilha titħallas. Għalhekk il-konvenut ressaq saħansitra rikonvenzjoni li biha talab ir-riżarċiment tad-danni li hu jgħid li ġarrab kif ukoll ir-rifużjoni ta' dak li ħallas żejjed.

9. Huwa xieraq li qabel xejn jiġu riepilogati dawk il-fatti li jemerġu mill-provi li huma rilevanti għad-determinazzjoni tal-kawża:

   a. Permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Lulju 2012[3], il-konvenut inkariga lill-attriċi, aċċettanti, sabiex tagħmel «*xogħolijiet ta' bini li jikkonsistu f'alterazzjonijiet fis-sular t'isfel, kostruzzjoni fl-ewwel sular u kostruzzjoni ta' swimming pool*». Il-kontendenti ftiehmu li l-ħlas li l-konvenut ikun obbligat li jagħmel lill-attriċi għall-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet ikun

[3] Fol.9.

skont ir-rati miftehma li ġew mehmuża mal-kuntratt, jew skont il-kondizzjonijiet annessi. Il-kuntratt jgħid li d-ditta ta' periti bl-isem "Bezzina & Cole" kienet inkarigata mis-superviżjoni tax-xogħlijiet[4]. Ix-xogħlijiet kellhom jinbdew fis-16 ta' Lulju 2012 u jitlestew fid-19 ta' Diċembru 2012.

b. B'danakollu l-konvenut jgħid li l-attriċi ma bdietx ix-xogħol qabel l-10 ta' Settembru 2012, jiġifieri kważi xahrejn tard[5]. Il-konvenut jgħid li waqt il-kors tax-xogħlijiet, kien ikun hemm diversi istanzi fejn l-attriċi kienet tonqos milli tkompli[6], u dan jispjega għaliex ix-xogħol li kellu jitlesta fid-19 ta' Diċembru 2012 ma kienx għadu lest meta l-kuntrattur telaq minn fuq is-sit f'Diċembru 2014[7]. L-attriċi iżda tgħid li d-dewmien kien dovut għal waqfien fix-xogħol minħabba tqegħid ta' planki jew provvista ta' materjal minn terzi u minħabba żidiet fix-xogħlijiet[8].

c. Jirriżulta li l-konvenut kien ikun preżenti dejjem fuq is-sit tax-xogħol[9], tant li kien jagħti direzzjoni lill-ħaddiema tal-attriċi biex ma jiġux jekk huwa ma kienx se jkun preżenti hemmhekk[10]. Ingħad ukoll li l-konvenut kien anki jagħti direzzjoni lill-ħaddiema dwar liema xogħol kellhom jagħmlu jew ma jagħmlux[11]. Il-konvenut kien anki jilmenta fuq uħud mill-bennejja mibgħuta mill-attriċi, u l-attriċi tgħid li kienet tibgħat bennejja differenti biex takkomoda lill-konvenut[12].

d. L-attriċi tgħid li l-konvenut qatt ma taha aċċess għas-sular terran, u dan ħoloq diffikultà meta huwa ried li jibdel is-saqaf tiegħu billi l-attriċi ma riditx tagħmel ix-xogħol qabel tispezzjonah[13]. Ingħad ukoll li kull meta l-konvenut

[4] Ara x-xiehda tal-Perit Keith Cole, a fol.117.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.125.
[6] Ara fol.136.
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.126.
[8] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Mario Vella, a fol.546.
[9] Ara x-xiehda ta' Victor Vella, a fol.86.
[10] Ara x-xiehda ta' Mario Vella, a fol.71.
[11] Ara x-xiehda ta' Mario Vella, a fol.71.
[12] Ara x-xiehda ta' Victor Vella, a fol.84.
[13] Ara x-xiehda ta' Mario Vella, a fol.71, u x-xiehda ta' Victor Vella, a fol.86. Ara wkoll ix-xiehda in kontro-eżami ta' Mario Vella, a fol.537.

ilmenta fuq il-kwalità ta' xi biċċa xogħol, hija rrimedjat minnufih[14]. Issemma episodju partikolari fejn l-attriċi bagħtet lura żewġ vetturi bil-konkos għaliex weħlu fit-tajn u damu għoxrin minuta biex inqalgħu, u l-konvenut ma riedx jaċċetta dik il-konsenja ta' konkos minħabba f'hekk[15].

e. Il-konvenut ilmenta li l-attriċi kisret il-kuntratt anki billi qabbdet ħaddiema bl-imqieta biex jagħmlu x-xogħol li kien inkarigaha tagħmel hu. Huwa rrefera għall-aħwa Bongailas, u jgħid li anki Victor Vella, wieħed mid-diretturi tal-attriċi, kien ikkonfermalu li dawn kienu ħadmu bl-imqieta[16]. Dan il-fatt ġie kkonfermat minn Mario Vella wkoll waqt il-kontro-eżami tiegħu[17].

f. Fil-kors tax-xogħlijiet, il-konvenut inkariga lill-Perit Kirsten Micallef minflok lill-perit imsemmi fil-kuntratt tal-appalt. Il-Perit Micallef xehed li meta ġie nkarigat hu kien għad fadal li jsir it-tisqif tal-pixxina bil-planki u l-kostruzzjoni ta' kamra mal-pixxina[18], u li ħadd mill-partijiet ma qallu li kien hemm kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti[19]. Huwa xehed ukoll li ma kienx hemm problemi fuq ix-xogħlijiet li ġie nkarigat jissorvelja, u li t-tilwima li nqalgħet bejn il-kontendenti kienet tirrigwarda x-xogħlijiet li saru qabel l-involviment tiegħu. Il-Perit Micallef spjega li t-tilwima kienet fis-sens li l-konvenut ma kienx qed jaqbel li x-xogħlijiet li saru qabel saru kif kellu jsiru, u l-aċċertamenti neċessarji diffiċilment setgħu isiru minħabba l-fatt li x-xogħol kien tlesta u ngħalaq[20]. Il-Perit Cole xehed li l-kejl li kien isir mill-kuntrattur ma kienx ikun ċertifikat minnu, u li dawn il-kontijiet kienu jinkludu ħlas għal xogħol bil-ġurnata (*dayworks*) li diffiċli tivverifikah jekk ma tkunx fuq is-sit. Il-Perit Cole semma li l-konvenut kien persuna kompetenti, billi kien żamm karigi maniġerjali ma' banek fil-passat kif ukoll

---

[14] Ara x-xiehda ta' Victor Vella, a fol.87.
[15] Ara x-xiehda ta' Victor Vella, a fol.89-90.
[16] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.127, u r-rati miftehma bejn l-attriċi u Bongailas eżebiti mill-konvenut, a fol.140.
[17] Fol.540.
[18] Ara x-xiehda tal-Perit Kirsten Micallef, a fol.108.
[19] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Perit Kirsten Micallef, a fol.529.
[20] Ara x-xiehda tal-Perit Kirsten Micallef, a fol.109.

kien kwalifikat bħala *draughtsman*[21]. Xehed ukoll li l-konvenut kien ikejjel ix-xogħol hu jew kien iġib lil xi ħadd ikejjel[22].

g. Ix-xogħol li sar mill-attriċi tkejjel permezz ta' ħdax-il kont separat. L-attriċi tgħid li l-konvenut ħallas l-ewwel sitt kontijiet interament, filwaqt li ħallas akkonti mis-seba', mit-tmien u mid-disa' kontijiet. Dwar l-għaxar u l-ħdax-il kontijiet il-konvenut ma ħallas xejn[23]. Il-konvenut min-naħa tiegħu ħallas akkont is-somma kumplessiva ta' €169,910.94[24]. Huwa jilmenta illi l-kontijiet li kien joħroġ il-kuntrattur ma kienux verifikati mill-perit u għalhekk ma kienux skont dak miftiehem fil-kuntratt[25]. Huwa daħal f'dettall kbir sabiex jgħid għaliex il-kontijiet magħmula mill-attriċi huma ħżiena[26]. Meta nqalgħet it-tilwima fuq il-kontijiet, il-konvenut kien inkariga *quantity surveyor* sabiex ikejjel ix-xogħlijiet li saru mill-attriċi, u jgħid li dan il-kejl wassal għaċ-ċifra ta' €135,306.35, għad illi kien hemm verifiki oħra xi jsiru[27]. Il-konvenut xehed li skontu, l-ammont totali dovut lill-attriċi huwa ta' €140,643.91, u għalhekk jirriżulta li huwa diġà ħallas aktar milli kellu jħallas[28].

h. Il-konvenut isemmi wkoll lista ta' difetti fix-xogħlijiet eżegwiti mill-attriċi, u ċjoè: (i) livelli varjati ta' qatran fis-sular terran; (ii) blajjet u ħitan ta' twieqi u bibien li ma sarux kartabun; (iii) dħul t'ilma mill-pedamenti; (iv) saqaf tal-konkos ta' ħxuna ta' tlettax-il pulzier li ma sarx kif imiss tant li tħallew fih toqob kbar[29]; (v) difetti f'kanal biex jgħaddi l-ilma tax-xita; (vi) taraġ li minflok sar rampa[30].

---

[21] Ara x-xiehda tal-Perit Kenneth Cole, a fol.118.
[22] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Perit Kenneth Cole, a fol.612.
[23] Ara d-dokument eżebit a fol.78-79, u x-xiehda ta' Mario Vella, a fol.73.
[24] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.128.
[25] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.129.
[26] Il-konvenut fil-fatt ippreżenta nota (fol.157) ta' sebgħa u erbgħin faċċata li għalkemm ġiet iffirmata minnu, ma jidhirx li ġiet minnu kkonfermata bil-ġurament. Ma' din in-nota, huwa eżebixxa wkoll volum kbir ta' dokumenti, minn fol.204-493.
[27] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.130.
[28] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.131.
[29] Dwar dan id-difett, issir riferenza għax-xiehda tal-Perit Kirsten Micallef, a fol.527, u għax-xiehda tal-Perit Jason Zammit, a fol.501.
[30] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.132.

i. Ingħad li meta x-xogħlijiet li kellha tagħmel l-attriċi ġew biex jitlestew, il-konvenut beda jsostni li mhux se jħallas aktar jekk l-attriċi ma ssolvix il-problema tal-ilma. Victor Vella xehed li l-problema tal-ilma kienet seħħet meta l-konvenut naqas milli jikkomunika l-katusi li kellu (u li ma sarux minnha) bil-konsegwenza li meta għamlet ix-xita, daħallu ħafna ilma mis-sular t'isfel[31]. Il-konvenut iżda sostna li l-attriċi abbandunat l-appalt meta l-rċeviet direzzjoni mingħand il-Perit Jason Zammit, li kien subaltern tal-Perit Kirsten Micallef[32], biex jinkixef xi xogħol wara d-dħul tal-ilma[33]. Mix-xiehda mogħtija mill-Perit Jason Zammit stess, jirriżulta li x-xogħol li dan il-Perit ma setax jispezzjona kien ix-xogħol li sar mill-attriċi fuq struzzjonijiet tiegħu għall-ħolqien ta' dorga biex l-ilma jiskula minnha minflok jidħol fi ħwejjeġ il-konvenut[34].

10. Sabiex tassistiha f'din il-kawża, din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2020[35] innominat perit tekniku sabiex wara li tieħu konjizzjoni tal-provi kollha miġbura fl-atti proċesswali tirrelata dwar l-aspetti kollha tekniċi tal-kawża. Il-perit tekniku rrelatat permezz ta' rapport li ġie minnha preżentat fil-21 t'Ottubru 2022[36]. Permezz ta' dan ir-rapport, il-perit tekniku ressqet is-segwenti konklużjonijiet:

- li l-ammont kumplessiv tal-kontijiet maħruġa mill-attriċi kien ta' €207,916.41, kompriża t-taxxa fuq il-valur miżjud, u mhux €197,775.94, kif indikat fid-dokument li jinsab a fol.78;
- li l-konvenut ħallas l-ammont kumplessiv akkont ta' €169,910.94;
- li għalhekk il-bilanċ dovut lill-attriċi huwa ta' €38,005;

[31] Fol.92-93.
[32] Ara x-xiehda tal-Perit Jason Zammit, a fol.494.
[33] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.129.
[34] Fol.499-500.
[35] Fol.798.
[36] Fol.835.

- li kien hemm xogħlijiet magħmula mill-attriċi li ma sarux kif imiss, u dan wassal biex il-konvenut iġarrab danni li ġew mill-perit tekniku likwidati fl-ammont ta' €14,564;
- li l-aħħar ħames kontijiet preżentati mill-attriċi meta mqabbla mal-kejl imħejji mill-*quantity surveyor* inkarigat mill-konvenut iġib avarija ta' €19,682, li wkoll għandu jitnaqqas mill-ammont dovut lill-attriċi;
- dan ifisser li l-bilanċ dovut lill-attriċi mill-konvenut jammonta għal €3,759[37].

11. Il-perit tekniku ġiet eskussa bil-kitba kemm mill-attriċi[38] u kemm mill-konvenut[39], u żammet ferm mal-konklużjonijiet tagħha. Saret eskussjoni ulterjuri bil-kitba kemm mill-attriċi[40] u mill-konvenut[41], kif ukoll bil-fomm waqt l-udjenza tad-19 t'April 2023. B'rikors li kien preżentat fl-1 ta' Frar 2023[42], il-konvenut ilmenta mill-fatt li l-perit tekniku llimitat il-konsiderazzjonijiet tagħha għax-xogħlijiet li kienu jikkostitwixxu l-meritu tal-aħħar ħames kontijiet maħruġa mill-attriċi, u ma qisitx l-ewwel sitt kontijiet billi qieset li la darba l-konvenut kien ħallas dawn il-kontijiet interament, mela ma kellux ilment minnhom. Għalhekk il-konvenut talab li l-Qorti tidderiġi lill-perit tekniku tirrelata anki fuq ix-xogħlijiet li kienu meritu ta' dawn il-kontijiet. B'dikriet mogħti fil-21 ta' Frar 2023, din il-Qorti kif kienet diversament presjeduta laqgħet it-talba waqt l-udjenza tad-19 t'April 2023.

12. Kien għalhekk li l-perit tekniku fis-16 ta' Ġunju 2023 preżentat ir-relazzjoni ulterjuri tagħha[43]. Wara li qieset il-kontenut tal-kontijiet <u>kollha</u> maħruġa mill-attriċi u wara li qabblet l-istess mal-kejl imħejji mill-*quantity surveyor* inkarigat mill-konvenut, irriżultat avarija ta' €39,405, li twassal għall-konklużjoni li l-attriċi hija debitriċi tal-konvenut fis-somma ta' €15,964.

[37] Il-perit tekniku tindika dan l-ammont b'riferenza għas-sena 2015, u ammont ieħor miżjud bl-indiċi tal-inflazzjoni fis-sena 2017. Il-Qorti tqis li l-ammont li għandha tieħu in konsiderazzjoni huwa dak fl-2015, billi kull żieda fuq l-ammont oriġinarjament dovut tista' ssir biss bl-impożizzjoni tal-imgħax, jekk ikun il-każ li dan jiġi mpost.
[38] Fol.882.
[39] Fol.886.
[40] Fol.901.
[41] Fol.906.
[42] Fol.889.
[43] Fol.920.

13. Wara l-preżentata tar-relazzjoni ulterjuri, l-attriċi ressqet talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali[44]. Waqt l-udjenza tad-9 ta' Jannar 2024, l-attriċi talbet l-opportunità li teskuti l-perit tekniku mill-ġdid. L-eskussjoni saret bil-kitba[45]. B'danakollu l-kontendenti talbu l-opportunità li jeskutu lill-perit tekniku oralment, liema eskussjoni saret fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2024. Dakinhar il-perit tekniku preżentat ukoll risposti bil-miktub għal domandi li l-konvenut għamlilha fl-inġunzjoni li bagħtilha[46].

14. Magħluqa l-eskussjoni, l-attriċi rrinunzjat għat-talba tagħha għall-ħatra ta' periti addizzjonali, u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

15. Illi huwa ċar minn dak rilevat s'issa li l-meritu tal-kawża huwa wieħed prinċipalment tekniku, b'ċerti aspetti legali li l-Qorti se tkun qed tindirizza permezz tal-paragrafi segwenti ta' din is-sentenza. Kien proprju għalhekk li ġiet nominata perit tekniku sabiex tassisti lill-Qorti fil-konsiderazzjonijiet li jridu jsiru dwar din il-kawża. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Mario Galea vs. Malta Freeport Terminals Limited et*** (Appell Superjuri, 22 ta' Ġunju 2022):

> Jibda billi jiġi osservat li f'materja ta' perizja teknika bħalma hija dik medika, għalkemm Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt, dan ma jfissirx pero`, illi Qorti dan tista' tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti għandha tkun ben informata u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 1998, fil-kawża fl-ismijiet **Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe**). Fil-fatt fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru, 2001, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Calleja nomine v. John Mifsud**, din il-Qorti qalet hekk:

[44] Fol.927.
[45] Fol.932.
[46] Fol.950 'il quddiem.

> *"Gie infatti ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "John Saliba vs Joseph Farrugia" deciza fit-28 ta' Jannar 2000 illi:-*
> *"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

16. Prinċipji li ġew segwiti tista' tgħid kostantement fil-ġurisprudenza tagħna.

17. Issa qabel ma tgħaddi biex teżamina u tqis il-konklużjonijiet kollha dedotti mill-abbli perit tekniku, il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li tagħmel xi riflessjonijiet ta' natura legali li jolqtu l-meritu tal-każ u li jirriżultaw rilevanti mill-kwadru tal-fatti emerġenti mill-provi. Il-kwistjonijiet legali li qamu fil-kwistjoni bejn il-partijiet jirrigwardaw:

    (i) il-fatt li l-kontendenti jidher li ma mxewx mal-kondizzjonijiet tal-kuntratt t'appalt li ftiehmu bejniethom;
    (ii) il-passività tal-konvenut għal dak li jirrigwarda l-kontijiet maħruġa lilu mill-attriċi mingħajr l-approvazzjoni tal-perit inkarigat minnu.

18. Dwar l-ewwel kwistjoni, il-Qorti tqis li rriżulta b'mod mill-aktar ċar li wara li ġie ffirmat il-kuntratt t'appalt tas-6 ta' Lulju 2012, il-kontendenti naqsu għal kollox milli jaderixxu ruħhom mal-istipulazzjonijiet kontenuti f'dak il-kuntratt, u dan

b'mod konsistenti u fuq medda konsiderevoli ta' żmien. Hekk, per eżempju, l-attriċi damet ferm aktar miż-żmien miftiehem sabiex tlesti x-xogħlijiet, u ma jidhirx li f'xi żmien il-konvenut ipprotesta ruħu għal dan id-dewmien, ħlief meta ġiet istitwita din il-kawża. Hekk ukoll, il-kejl tax-xogħol kien qed isir mill-attriċi u l-konvenut kien qed iħallas il-kontijiet tagħha mingħajr l-approvazzjoni tal-perit inkarigat minnu. Dan minkejja dak li jgħid l-artikolu għoxrin tal-kuntratt. Tant hu veru li l-partijiet abbandunaw dan il-kuntratt li meta ġie nkarigat il-Perit Micallef minflok il-Perit Cole waqt il-kors tal-appalt mogħti lill-attriċi, ħadd mill-kontendenti ma dehrlu li kellu jinforma lill-perit il-ġdid bl-eżistenza ta' kuntratt bil-miktub li suppost kien qed jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom.

19. Fid-dottrina tad-Dritt Ċivili, jeżisti l-kunċett ġuridiku ta' *mutuus dissensus*. Dan il-kunċett isib in-nisel tiegħu sa mid-Dritt Ruman – insibu fil-fatt li Ulpiano kien ġja osserva li «*nihil tam naturale est quam eo genere quidque dissolvere, quo colligarum est; ideo verborum obligatio verbis tollitur, nudi consensus obligatio contrario consensu dissolvitur*»[47]. Kif jispjega ***Giorgi***: «*Il mutuo dissenso, come dicono i commentatori, o il contrarius consensus, come è scritto nelle antiche fonti testuali, non è altro che un contratto, il quale ha per oggetto di sciogliere un contratto precedente. Resta per ciò compreso nella generalissima nozione dell'articolo 1098*[48]*, dove il contratto viene definito, un accordo di due o più persone per costituire, regolare o* sciogliere *fra loro un vincolo giuridico*»[49].

20. Dan l-istess kunċett ġie wkoll kunsidrat bħala kompriż fl-effetti tal-artikolu 992(2) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li: «*Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi*». F'dan il-kuntest, ġie deċiż barra minn xtutna li: «*La risoluzione di un contratto può bene avvenire anche per tacito accordo fra le parti*»[50]. Importanti li jiġi osservat li hekk kif dan il-kunċett jista' jwassal għat-terminazzjoni ta' kuntratt <u>sħiħ</u>, tant ieħor

[47] L.35, D. de reg. iur. (L,17).
[48] Li jikkorrispondi mal-artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili tagħna.
[49] Trattato delle Obbligazioni, Vol. VII, §330.
[50] Bernheim v. Raaz (Kassazzjoni ta' Turin, 13/1/1891), riportata minn ***Carlo Fadda***, fil-ġabra Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Civile, Vol. V, art.1123, §136.

jista' jwassal għat-terminazzjoni ta' parti minn kuntratt, jew aħjar, ta' kondizzjonijiet speċifiċi minnu.

21. Il-kunċett taħt eżami għadu jsib applikazzjoni anke fiż-żminijiet tagħna. Fil-fatt l-awtur ***Galgano*** josserva li «*Per sciogliere il contratto occorre un nuovo atto di autonomia contrattuale, uguale e contrario al precedente: è necessario, in linea di principio, il cosiddetto mutuo dissenso (art.1372, comma 1°*[51]*), ossia un nuovo accordo fra le parti diretto ad estinguere il già costituito rapporto contrattuale...*»[52]. Kif osservat mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana:

> La medesima volontà delle parti che ha creato il vincolo giuridico può sciogliere in forza del mutuo consenso, indirettamente previsto dall'art. 1372, comma 1, c.c. e concepito come prima deroga al principio della irresolubilità del contratto[53]

22. Dik l-istess Qorti f'kawża oħra osservat ukoll:

> La risoluzione di un contratto per mutuo consenso – quando non sia chiesta la forma scritta *ad substantiam* – può risultare, oltre che da un esplicito accordo dei contraenti diretto a scogliere il rapporto, ance dalla loro comune tacita volontà di non dare ulteriore corso al contratto, liberandosi dalle rispettive obbligazioni, emergente anche da fatti univoci posti in essere successivamente al contratto stesso e contrastanti con la volontà di mantenere in vita il rapporto originario[54]

23. Dan l-istess kunċett jidher li jeżisti anki f'pajjiżi li jħaddnu s-sistema ta' *common law*, u jissejjaħ *abandonment of contract* jew *forbearance*. Fil-fatt insibu spjegat:

> It is open to the court to infer that the parties have mutually agreed to abandon their contract where the

---

[51] Din id-disposizzjoni taqra hekk: "*Il contratto ha forza di legge tra le parti. Non puo' essere sciolto che per mutuo consenso o per cause ammesse dalla legge*".
[52] Trattato di Diritto Civile, terza edizione, Vol.II, pġa.551.
[53] Deċiżjoni numru 1821, datata 23/5/1969.
[54] Deċiżjoni numru 5550, datata 11/9/1986. Ara wkoll id-deċiżjoni numru 4572 datata 19/7/1980.

> contract has been followed by a long period of delay or inactivity on both sides.[55]
> ...
> The party who forbears will be bound by the waiver and cannot set up the original terms of the agreement. If, by words or conduct, he has agreed or led the other party to believe that he will accept performance at a later date than or in a different manner from that provided in the contract, he will not be able to refuse that performance when tendered and, if the varied performance is made and accepted, damages cannot be claimed on the ground that performance did not take place in accordance with the terms of the original agreement[56].

24. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li bil-mod kif imxew il-kontendenti, huma abbandunaw il-kuntratt bil-miktub li għamlu bejniethom u qablu li jipproċedu dwar l-appalt in kwistjoni mod'ieħor, u ċjoè b'mod differenti minn dak espressament miftiehem fil-kitba li għamlu. Din l-intenzjoni taċita hija manifesta mill-provi li tressqu. Hekk biss tista' tiġi spjegata l-kondotta tal-partijiet, li għall-perijodu ta' sentejn u nofs li matulu twettaq l-appalt naqsu għal kollox milli jagħtu ħajja u effett lill-ftehim skritt ta' bejniethom.

25. Huwa inutili għall-konvenut li issa jinvoka d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt tas-6 ta' Lulju 2012. Meta huwa b'għemilu aċċetta li l-attriċi timxi mod'ieħor minn dak miftiehem bil-kitba, ġara li l-ftehim inbidel biex jirrifletti l-mod kif il-kontraenti mxew, għaliex dik jirriżulta li kienet l-intenzjoni taċita tagħhom. Fid-deċiżjoni ***Louis Soler vs. Nazzareno Vassallo*** (Prim'Awla, 20/6/2002) ġie osservat hekk:

> L-aġir ta' persuna għandu jkun konformi mal-pożizzjoni li dik il-persuna trid tieħu fil-kuntest, u jekk dak l-aġir ikun ambigwu jew mhux konformi mal-pożizzjoni riġida li dik il-persuna trid tieħu, ma tistax aktar isserraħ fuq dik il-pożizzjoni riġida li ma tkunx konformi ma' l-aġir tagħha.
>
> Fil-kawża "<u>Mallia vs Satariano</u>" deċisa minn din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2000, din il-Qorti approvat prinċipju fis-sens illi –

[55] ***Chitty on Contracts*** (Sweet and Maxwell, 34th Edition), Vol.I, §25-029.
[56] Ibid, §25-044.

> "If during the performance of an agreement, one party behaves contrary to what the other supposes to have been the terms of the agreement, but does not react and continues to accept such behaviour, it is more likely that the terms of the agreement are to be deduced in accordance with the behaviour of the first party than in accordance with what the other 'supposed' them to be".

26. U fid-deċiżjoni ***Rosa Azzopardi vs. Martin Micallef*** (Appell Superjuri, 7 ta' Novembru 1960)[57] intqal: «*...ma hemm xejn li jimpedixxi illi patt miftiehem fi skrittura jiġi wara varjat jew rinunzjat bil-kunsens, anki taċitu, tal-partijiet, meta l-kitba mhux obligatorja skond il-liġi*»[58]. Aktar riċentement, fid-deċiżjoni ***Paul Ciantar et vs. Louis Pace et*** (Appell Superjuri, 7 ta' Novembru 2024) ġie mtenni l-prinċipju li: «*…meta l-partijiet f'kuntratt ikunu bdew iwettqu l-ftehim, allura l-mod ta' kif dawn ikunu qegħdin iwettquh jixħet dawl tajjeb fuq x'kienet ir-rieda tagħhom, b'dana għalhekk li l-ftehim għandu jibqa' jiġi mwettaq bl-istess mod għall-bqija tal-kuntratt u għall-futur*».

27. Il-kunsens taċitu tal-konvenut għal dan it-tibdil mill-pattijiet skritti li huwa għamel mal-attriċi huwa faċilment deżumibbli mis-silenzju tiegħu meta rinfaċċjat bid-diversi istanzi fejn l-attriċi ma mxietx skont il-ftehim meta bagħtet kontijiet mingħajr l-approvazzjoni tal-perit, u bir-reazzjoni tiegħu meta huwa addirittura ħallas bosta minn dawn il-kontijiet. Kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Carmelo Calleja vs. Carmelo Sciortino*** tat-30 ta' Novembru, 1971[59]:

> … minn dan is-silenzju tal-konvenut anzi mill-fatt ukoll li huwa kien baqa' jikkopera materjalment fix-xogħol, huma [il-periti ġudizzjarji] għamlu l-inferenza loġika li l-konvenut ghandu jitqies li rrinunzja għar-ritard ta' l-attur almenu għal żmien konsiderevoli, għax kif qalu huma (fol 135) "hu prinċipju komunement applikat fil-ġurisprudenza li jekk bniedem ikun jaf li stat ta' fatt li jintitolah jeserċita dritt u jħalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi mingħajr ma jaġixxi għad-dritt tiegħu, u

[57] Kollezz. Vol.XLIV.i.298.
[58] Ara wkoll ***Paul Camilleri et vs. Joseph Glenville et pro et noe*** (Prim'Awla, 28/4/2003), kif ukoll ***Santa Lucia Properties Limited et vs. It-Tabib Arthur Mercieca et*** (Appell Superjuri, 21/11/2024).
[59] Inedita u mhux pubblikata.

> lanqas almenu jipprotesta, allura t-titolar tad-dritt jista' jitqies, fiċ-ċirkostanzi kongruwi, li jkun irrinunzja għall-prosegwiment ta' dak id-dritt, u dan il-prinċipju japplika partikolarment għall-konvenut li kien il-kuntrarju ta' spettatur passiv
>
> omissis
>
> Il-Qorti hawnhekk tixtieq tirribadixxi li l-applikazzjoni ekwitattiva tal-kuntratti m'għandiex ikollha xi konnotat peġġorativ, għax, kif fuq intqal, il-liġi stess tridha, u dan mhux, bħallikieku b'xi rilassament tas-soċjeta' permissiva, għax minn żmien id-dritt Ruman, bażi tal-liġi tagħna in materja, intqal li: "In omnibus quiden, massime tamen in jure, aequitas spectanda sit" (L.90, Dig. L.17)

28. Dan iġibna għat-tieni kwistjoni, u ċjoè jekk il-konvenut, bil-ħlas minnu magħmul tal-ewwel sitt kontijiet maħruġa mill-attriċi, irrinunzjax għad-dritt tiegħu li jilmenta dwarhom. Kwistjoni ta' ċertu mportanza għaliex, kif rajna, ir-riżoluzzjoni tagħha aktarx tinċidi b'mod materjali fuq min mill-kontendenti huwa debitur tal-ieħor.

29. Fid-dottrina legali, jidher li l-effett estintiv ta' rinunzja huwa attribwit lil dawk l-atti magħmula mill-kommittent b'konjizzjoni ta' kawża. Fi kliem ieħor, huwa l-kommittent li jħallas ta' xogħol difettuż meta jaf bid-difett li jista' jitqies li irrinunzja għad-dritt li jeżiġi r-rettifika tad-difett. Fi kliem ***Laurent***:

> Quando il committente ha ricevuto l'opera, l'artefice cessa di essere responsabile della perdita quand'anche vi fosse difetto di costruire. Lo scopo della verifica è appunto di assicurare se vi sono dei difetti imputabili a colpa dell'artefice. Se dopo fatta la verifica, il committente riceve l'opera, egli dichiara, col fatto della recezione, che non vi è difetto nel lavoro, e rinunzia in conseguenza a ritenere l'artefice responsabile quando anche questi fosse in colpa. Ciò è ammesso da tutti nel caso in cui i difetti possono essere riconosciuti al momento della verifica; il fatto del committente che paga l'opera, quando sa che vi è difetto nel lavoro, implica una rinunzia tacita al diritto di agire per causa della colpa dell'artefice, rinunzia che è perfettamente valida, poichè non si tratta che dell'interesse del committente.
>
> ...

> Non si può dire che il committente riconosce che non vi è difetto o che egli rinunzia ad agire ad onta del difetto quando non è possibile di constatarlo; non si approva ciò che non si conosce, e non si rinunzia a un diritto che non si sa di avere.[60]

30. Il-ġurisprudenza tagħna jidher li ħadet l-istess pożizzjoni. Peress li l-liġi tagħna dwar l-appalt ma fiha ebda dispożizzjoni partikolari li tirregola l-materja, l-kwistjoni trid tiġi deċiża skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi (ara ***Jonathan Compagno vs. Thomas Zahra***, Appell Inferjuri, 6 t'Ottubru 2010). Fid-deċiżjoni ***Nobbli Gioacchino Attard Montalto vs. Emmanuele Schembri et*** (Appell Kummerċjali, 28 ta' Ġunju 1957)[61] ġie osservat li: «*Il-verifika u l-approvazzjoni eventwali tax-xogħol issir għall-finijiet tal-ħlas lill-appaltatur. B'daqshekk hu ma jiġix eżonerat milli, fl-interess publiku, jibqa' responsabbli għaż-żmien stabbilit mill-liġi għal dawk id-difetti mhux immedjatament apparenti, u li, non ostanti kontroll diliġenti, ma jistgħux jiġu skoperti fil-mument tal-verifika u tal-approvazzjoni eventwali*». U fid-deċiżjoni ***Joseph Zarb vs. Carmelo Agius*** (Prim'Awla, 8 ta' Frar 1957)[62] ġie ritenut li l-approvazzjoni tax-xogħol permezz tal-ħlas mill-kommittent ma jiswix biex jestingwi d-dritt tal-kommittent li jfittex lill-appaltatur meta d-difett fix-xogħol mhux talli ma setax jiġi ndividwat, talli ġie ċelat b'qerq mill-appaltatur.

31. Min-naħa l-oħra, fejn id-difett ikun wieħed magħruf jew faċilment distingwibbli mill-kommittent, il-ħlas da parti tiegħu jista' jkollu l-effett ta' rinunzja.

32. Issa fil-każ odjern irriżulta mill-provi li l-konvenut huwa bniedem attent u diliġenti dwar ħwejġu. Il-provi juru li huwa kien attent għall-mod kif l-attriċi kienet qed teżegwixxi l-appalt tant li rriżultaw istanzi varji fejn huwa insista magħha li tibgħat ħaddiema differenti jew inkella ġġib materjal ieħor (bħal konkos) biex tkompli x-xogħol. Il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni oħra ħlief li l-konvenut kien, matul il-kors sħiħ tal-appalt, pjenament konsapevoli minn dak li kien qed isir u dak li kien qed jiġri, u jidher li, għal raġunijiet tiegħu, kien qed iżomm sieket dwar ċertu

[60] Principii di Diritto Civile, Vol.XVI, §16.
[61] Kollezz. Vol.XLI.i.667.
[62] Kollezz. Vol.XLI.ii.892.

affarijiet billi jżommhom fil-komma sabiex joħroġhom fl-aħħar meta l-attriċi tkun spiċċat ix-xogħol tagħha. Aktarx li r-raġuni kienet, kif wara kollox spjega l-konvenut stess, sabiex jevita tilwima kmieni mal-attriċi bil-konsegwenza li jkollu jsib bennej ieħor biex ikompli x-xogħol. Kien proprju għalhekk li l-konvenut ħallas l-ewwel kontijiet imbagħad ħallas akkont biss numru ta' kontijiet u xejn assolutament minn kontijiet oħrajn.

33. L-iskop tal-konvenut għalhekk kien li jħalli lill-attriċi tkompli bl-appalt sa fejn possibbli bil-ħsieb però li fl-aħħar jissolleva l-ilmenti kollha tiegħu. Din l-imġieba però m'hijiex kompatibbli mal-ħtieġa ta' *bona fidei* li hija mposta fuq kull kontraent mill-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili. Ġie diversi drabi deċiż li min jonqos milli jimxi bil-*bona fidei* meħtieġa skont l-artikolu 993 m'għandux jitħalla jgawdi min-nuqqas tiegħu (ara f'dan is-sens ***Anthony Xuereb vs. Debono Developments Ltd***, Appell Inferjuri, 14 ta' Jannar 2015, kif ukoll ***Commerciante Carlo Bonett vs. Commerciante Giovanni Bonello***, Kummerċ, 1 ta' Diċembru 1883[63]).

34. Agħar minn hekk, din l-imġieba tal-konvenut wasslet għal sitwazzjoni fejn bosta mill-ilmenti tiegħu ma setgħux jiġu verifikati kif imiss. L-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tinsisti li l-perit tekniku għamlet ħażin meta straħet fuq il-kejl magħmul mill-*quantity surveyor* Paul Baldacchino, imqabbad mill-Perit Kirsten Micallef, billi l-istess perit li qabbdu wkoll ma ħassx li seta' joqgħod fuqu minħabba l-fatt li kien hemm bosta pretensjonijiet miż-żewġ naħat li ma setgħux jiġu verifikati fuq il-post kif imiss. Il-Qorti jidhrilha li almenu fir-rigward ta' dawk il-kontijiet li l-konvenut ħallas b'mod sħiħ, l-attriċi ġiet minnu ndotta biex tifhem li ma kien hemm ebda lment u għalhekk ix-xogħlijiet komplew bil-konsegwenza li sar diffiċli mmens, jekk mhux addirittura mpossibbli, li l-ilmenti li l-konvenuti għoġbu javvanza issa f'din il-kawża jiġu verifikati.

35. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk il-konvenut naqas bi kbir meta ma ssollevax l-ilmenti tiegħu fiż-żmien utili, u dik l-imġieba tiegħu hija ekwivalenti għal rinunzja tad-dritt tiegħu li jressaq l-istess ilmenti f'din il-kawża.

[63] Kollezz. Vol.X.307.

36. Din il-Qorti sejra tagħti lill-konvenut il-benefiċċju tad-dubju fir-rigward l-aħħar ħames kontijiet, li kważi kollha ħarġu fl-aħħar nofs tas-sena elfejn u erbatax, u ċjoè qrib iż-żmien meta l-attriċi waqfet mix-xogħol wara li nqalgħet it-tilwima mal-konvenut. Għalkemm saru ħlasijiet akkont mill-konvenut fuq dawn il-kontijiet, dawn ma tħallsux kollha u għalhekk il-Qorti mhux se tattribwixxi lill-pagamenti akkont magħmula mill-konvenut l-effetti estintivi li hija qieset li għandha tattribwixxi għall-pagamenti anteċedenti.

37. Hekk ikkunsidrati l-kwistjonijiet legali ewlenin li jsawwru t-tilwima tal-kontendenti, imiss issa li l-Qorti tqis il-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku.

38. Il-Qorti hija tal-fehma li hija m'għandhiex tiddisturba l-opinjonijiet iffurmati mill-perit tekniku u minnha esposti fl-ewwel relazzjoni tagħha[64]. Għalkemm huwa minnu, kif tgħid l-attriċi, li l-kejl meħud minn Paul Baldacchino li ġie mqabbad mill-Perit Kirsten Micallef mhux wieħed definittiv, tant li l-istess perit iddikjara diversi drabi li ma kienx komdu li jiċċertifikah, jibqa' l-fatt li l-eżerċizzju li sar minn Baldacchino huwa l-iktar wieħed li jqarreb lejn il-kejl li suppost sar perjodikament waqt il-kors tax-xogħlijiet intrapriżi mill-attriċi. Il-Qorti diġà tat il-fehma tagħha fuq l-effetti legali tal-varjazzjoni taċita li l-kontendenti wettqu fil-kuntratt bil-miktub imħejji minnhom. Varjazzjoni li bl-aktar mod lampanti laqtet il-metodu kif kellhom jitkejjlu x-xogħlijiet billi estromettiet għal kollox l-intervent tal-perit u b'hekk ikkontaminat il-proċess kollu tal-kejl b'inċertezza kbira. Il-perit tekniku fissret kemm-il darba li hija ħasset li setgħet toqgħod fuq dan il-kejl billi l-istess kejl ġie diskuss kemm-il darba mill-kontendenti u l-Perit Micallef u l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'din il-konsiderazzjoni tagħha. Hekk ukoll il-Qorti hija tal-fehma li l-perit tekniku għamlet valutazzjoni ġusta tad-difetti fix-xogħol li l-konvenut jattribwixxi lill-attriċi u tispjega f'dettall għaliex dawk id-difetti għandhom jitqiesu bħala ksur tad-dmir tal-appaltatur li jeżegwixxi x-xogħol fdat lilu skont is-sengħa u

[64] Dik ir-relazzjoni li ma tieħux qies tal-ilmenti tal-konvenut dwar l-ewwel sitt kontijiet imħallsin minnu.

l-arti. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel ampja riferenza għall-konsiderazzjonijiet esposti fir-rapport tal-perit tekniku u tagħmilhom tagħha[65].

39. Eżami tar-relazzjoni teknika juri li l-abbli perit qieset b'mod ekwu l-pretensjonijiet taż-żewġ kontendenti, u ma qagħditx unikament fuq l-ispjegazzjoni ta' naħa jew oħra, iżda ħadet konjizzjoni wkoll tal-elementi fiżiċi li hija setgħet tikkonstata fuq il-post minn aċċessi li sfortunatament inżammew snin wara l-fatti tal-każ. Kemm hu veru l-perit tekniku irriġettat bosta mill-pretensjonijiet tal-konvenut li hija qieset li ma kienux suffragati mill-provi, u għaddiet ukoll biex ammettiet pretensjonijiet oħrajn tiegħu anke jekk dawn saru abbażi ta' dokumenti li ma ġewx konfermati bil-ġurament mill-awtur tagħhom. Il-Qorti se tkun qed taċċetta l-pretensjonijiet meqjusa ammissibbli mill-perit tekniku proprju għaliex jidhrilha illi jekk dawn il-pretensjonijiet kienu kkunsidrati fondati minnha, hija mhux sejra tiddipartixxi minn dik il-fehma. Dan speċjalment tenut kont tal-fatt li ħadd mill-kontendenti ma ġab 'il quddiem xi raġunijiet suffiċjentement persważivi sabiex iwassluha għall-konklużjoni differenti.

40. Dwar dawk il-pretensjoni tiegħu li ma ġewx aċċettati mill-perit tekniku, il-konvenut baqa' jinsisti anki fl-eskussjonijiet serrati u estensivi li saru. Il-perit tekniku kienet u baqgħet kategorika fil-pożizzjoni tagħha li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tillikwida dawk il-pretensjonijiet, u l-Qorti ma tistax tlumha. Il-konvenut naqas milli jissostanzja kif imiss dawk il-pretensjonijiet tiegħu. Jekk xejn, il-kors mhux qasir ta' din il-kawża kellu jagħti lill-konvenut l-opportunità li jwettaq it-tiswijiet neċessarji hu stess u sussegwentement iġib prova ta' dak li nefaq sabiex jirkuprah. La m'għamilx hekk, ma jistax issa jlum lill-perit tekniku u wisq inqas lill-Qorti talli ma waslux huma biex jillikwidaw in-nefqa li huwa baqa' qatt m'għamel.

41. Din il-Qorti lanqas ma jidhrilha li għandha tillikwida xi ammont lill-konvenut *arbitrio boni viri*. Huwa sewwa magħruf li d-danni jistgħu jiġi likwidati bl-użu ta'

---

[65] Fid-deċiżjoni ***Fenoco Limited vs. Pronto Developers Limited*** (Appell Superjuri, 30 ta' Novembru 2012) ġie mtenni l-prinċipju li «*...il-fatt li l-ewwel Qorti ma semmietx ix-xhieda kollha, u l-kontenut tar-rapporti prezentati, ma jwassalx ghall-konkluzjoni li dawn ma gewx ikkunsidrati minnha. Jigi osservat li, wara li qorti gudikanti tezamina l-atti processwali kollha, mhijiex obbligata li tindika kollox u taghti spjegazzjoni u gudizzju fuq kollox...*». Talba għar-ritrattazzjoni minn din is-sentenza ġiet miċħuda b'sentenza oħra tal-21 ta' Jannar 2014.

dan il-kriterju sussidjarju ta' evalwazzjoni ekwitattiva meta l-mezzi probatorji sabiex wieħed jillikwida mod'ieħor ma jkunux disponibbli lill-parti li tippretendi r-riżarċiment (ara, per eżempju, ***Faces Displays Limited vs. Joseph Debono et***, Appell Superjuri, 3 t'Ottubru 2024). Fejn il-mezzi probatorji jkunu disponibbli iżda ma jinġiebux bi ħtija tal-parti, mhux leċitu li wieħed jirrikorri għal dak il-mezz ta' likwidazzjoni[66].

42. Għall-kompletezza, il-Qorti żżid li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ukoll mhux se tintlaqa'. L-azzjoni ma tistax titqies intempestiva la darba l-provi juru li, tajjeb jew ħażin, l-appalt ġie terminat, anki jekk ma ġiex kompletat għal kollox mill-attriċi. L-attriċi fil-fatt ammettiet li kien baqa' ftit xogħol xi jsir meta hija waqfet mill-appalt – fil-fatt tgħid li ma kienx baqa' aktar minn ġimgħa xogħol. Fl-istat attwali tar-relazzjoni tal-kontendenti, ma jistax jingħad li l-appalt tal-kontendenti għadu fis-seħħ.

43. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(a) dwar l-azzjoni prinċipali:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba billi din ġiet sorvolata fl-udjenza tat-3 t'Awwissu 2017;

(ii) tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut;

(iii) tilqa' t-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut;

(iv) tilqa' t-tieni talba biss u limitatament għall-ammont ta' tliet elef seba' mija disgħa u ħamsin Ewro (€3,759);

[66] ***Neg. Edgar Laferla ne. vs. Neg. Antonio Cachia pr. et ne.*** (Kummerċ, 6 ta' Ġunju 1951 – Kollezz. Vol.XXXV.iii.615).

(v) tilqa' t-tielet talba biss u limitatament għall-ammont ta' tliet elef seba' mija disgħa u ħamsin Ewro (€3,759);

(b) dwar ir-rikonvenzjoni:

(i) tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-attriċi sa fejn hija kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet magħmula f'din is-sentenza;

(ii) tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-attriċi;

(iii) tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali kif dedotta;

(iv) tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali billi tillikwida d-danni mġarrba mill-konvenut fl-ammont ta' erbatax-il elf ħames mija u erbgħa u sittin Ewro (€14,564);

(v) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba billi l-ammont likwidat skont it-talba preċedenti ġie mnaqqas mill-ammont kanonizzat favur l-attriċi;

(vi) tilqa' r-raba' talba sa fejn din hija kompatibbli ma' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza;

(vii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames talba billi l-ammont dovut skont it-talba preċedenti ġie mnaqqas mill-ammont kanonizzat favur l-attriċi;

(c) dwar l-ispejjeż, il-Qorti tordna li:

(i) l-ispejjeż tal-ewwel relazzjoni preżentata mill-perit tekniku tbatihom l-attriċi;

(ii) l-ispejjeż tar-relazzjoni ulterjuri preżentata mill-perit tekniku jbatihom il-konvenut;

(iii) il-kumplament tal-ispejjeż tal-kawża jinqasmu in kwantu għal erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) fuq l-attriċi u in kwantu għar-rimanenti kwint ($^{1}/_{5}$) fuq il-konvenut.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur